MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 81

It-Tnejn, 22 ta' Jannar, 2018

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Stephen Sultana – Sindku
Is-Sur Jonathan Brimmer – Viċi Sindku
Is-Sa Elizabeth Vella – Kunsillier
Is-Sur Silvio Vella – Kunsillier
Is-Sur Jason Mangani – Kunsillier
Is-Sur Horace Anastasi – Kunsillier
Is-Sur Darren Carabott – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Ħadd

ASSENTI

Is-Sur Gianluca Falzon – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jane Yvonne Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

### 81.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

81.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 81.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

81.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Numru 80 (tmenin) li saret fis-18 ta' Diċembru, 2017 ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

### Korrezzjonijiet

Ma kienx hemm korrezzjonijiet

### 81.2.2 Punti mqajma mill-minuti

81.2.2.1 Minuta 80.2.7 – Is-Sindku fakkar lill-membri fl-iskema ta' restawr u ssuġġerixxa li nistgħu naħsbu biex isir restawr ta' Dar San Ġużepp. Nitolbu lil Fr. Louis Mallia sabiex iġib kwotazzjonijiet meħtieġa sabiex inkunu f'pożizzjoni li napplikaw.

Il-membri qablu unanimament.

81.2.2.2 Minuta 80.2.2.10 – Is-Sindku informa lill-membri li saret laqgħa informali mas-Sur Carmelo Schillaci li huwa kuntrattur Sqalli però l-kumpanija hija reġistrata Malta u għaldaqstant ir-rata tal-VAT tibqa' ta' 18%. Dan il-kuntrattur diġa' ħadem xi xogħolijiet Malta u l-Perit tiegħu huwa Patrick Spiteri Fiteni. Is-Sindku issuġġerixxa li għandna ninsistu li l-kuntrattur għandu jimxi mat-*timeframes* stipulati sabiex ix-xogħol ma jaqax lura. Sadanittant, is-Sindku issuġġerixxa wkoll li ssir laqgħa pubblika għar-residenti tal-Palazz l-Aħmar u informa li talab lill-Perit tal-Kunsill sabiex jagħtih tlett dati sabiex, flimkien mal-kumplament tal-membri tal-Kunsill, ikun jista' jlaqqa' lir-residenti u jinformahom bix-xogħol li ser isir. Dan ix-xogħol għandu għandu jkun lest fi żmien ħames / sitt xhur minn mindu jibda.

Il-membri qablu unanimament.

81.2.2.3 Minuta 80.2.2.11 – Is-Sindku informa lill-membri li saret laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija. Minkejja li fhemu l-problemi tal-Kunsill u r-residenti Vendriżi, il-liġi ma tippermettix li jimponu li jsir ħatt ta' kontejners. Ser issir laqgħa ma' uffiċjali ta' Transport Malta bil-preżenza tal-uffiċjali tal-pulizija. Is-Sindku informa lill-membri li ser jipproponi li Triq Qormi kantuniera ma Triq il-Kanun tiġi *One Way* hekk kif kienet diġa mfassal fil-pjanti oriġinali ta' TM. Biex tikkumpensa tinfetaħ Triq il-Parroċċa in-naħa t'isfel ma' Triq il-Kanun u l-vetturi jidħlu minn Triq il-Parroċċa u jgħaddu minn Triq il-Brunżar. Jekk dan iseħħ, kien hemm qbil li jkun hemm xahar ta' prova.

Il-membri qablu unanimament.

81.2.2.4 Fis-7.07 ta' filgħaxija wasal is-Sur Horace Anastasi, u ngħaqad mal-kumplament tal-membri.

Minuta 80.2.2.11 – Il-Kunsillier is-Sur Darren Carabott staqsa għaliex kien hu biss li ġie nnotifikat li kienet ser issir il-laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija, filwaqt li is-Sur Horace Anastasi u s-Sa Elizabeth Vella ma ġewx notifikati. Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Jane Yvonne Spiteri irrispondiet li jista jgħati l-każ li kien hemm xi forma ta' *misunderstanding* u ma kienetx l-intenzjoni li ma jiġux imsejjħa.

## 81.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

81.3.1 Is-Sindku informa lill-Membri li rċevejna talba mingħand is-Sur Joseph Farrugia li qasam *tyre* tal-karozza minħabba ħofra li kien hemm fi Triq Pietru Dacoutros, Santa Venera. Il-ħsara swiet €45 skont l-irċevuta li ppreżenta.

Il-Membri qablu unanimament li għandu jingħata rifużjoni.

Fis-7.20 ta' filgħaxija wasal is-Sur Jonathan Brimmer, u ngħaqad mal-kumplament tal-membri.

81.3.2 Is-Sindku informa lill-membri li saret talba mis-Sa Ruth Brignone sabiex tibda taħdem fil-Kunsill Lokali ta' Santa Venera. Bħalissa is-Sa Brignone qed taħdem mas-CRPD bir-*reduced hours* u qeda Skala 8. Is-salarju tagħha jitħallas mill-kumpanija ERL. Il-Membri qablu unanimament li għandha tinġieb konferma mill-ERL rigward is-salarju tas-Sa Brignone sabiex ikun jista' jibda l-proċess tat-trasferiment għall-Kunsill Lokali ta' Santa Venera.

## 81.4 *Rapporti/Korrispondenza*

81.4.1 Is-Sindku informa lill-membri li waħda mill-attivitajiet tal-100 Sena Parroċċa, il-Kappillan ser jorganiżża *quiz* u għaldaqstant talab l-għajnuna tal-Kunsill Lokali sabiex jinxtraw il-kotba u l-quiz isir b'kollaborazzjoni flimkien.

Il-membri qablu unanimament li għandha tingħata s-somma ta' €200 f'kotba għall-premijiet.

81.4.2 Is-Sindku informa lill-membri li l-Karnival f'Santa Venera ser isir nhar it-12 ta' Frar, 2018 bejn it-3.00pm u l-5.00pm f'Misraħ Santa Venera. Ser jiġi organizzat minn Leon Productions u ser jiswa €690. Leon Productions ser jipprovdu l-parteċipazzjoni ta' skejjel taż-żfin, il-preżentatur kif ukoll il- P.A. *System.* Ser jinkrew il-*barriers* kif ukoll jiġi bbukkjat is-servizz ta' żewġ gwardjani.

Il-membri qablu unanimament.

81.4.3 Is-Sindku informa lill membri li waslitilna korrispondenza mingħand is-Sur Alfred Mizzi fejn infurmana li ser jittella' dramm f'għeluq il-100 Sena Parroċċa u qed tintalab l-għajnuna tal-Kunsill Lokali. Il-membri qablu unanimament li jinġiebu 3 kwotazzjonijiet għal *projector* u *screen* biex jintużaw waqt il-preżentazzjoni ta' dan id-dramm.

81.4.4 Is-Sindku informa lill-membri li ġejna mistiedna sabiex nieħdu sehem fil-*Earth Day Clean-Up* nhar it-22 ta' April, 2018.

Il-membri qablu unanimament li l-Kunsill jipparteċipa f'din l-inizzjattiva u ser tkun ikkordinata mill-Kunsillier responsabbli mill-Ambjent, is-Sur Silvio Vella.

81.4.5 Is-Sindku informa lill-membri li rċevejna stedina biex ninnominaw xi anzjan jew anzjana għal Nazzareno Vassallo Award. Is-Sur Horace Anastasi ssuġġerixxa li ninnominaw lis-Sinjura Angela Hili.

Il-membri qablu unanimament.

## 81.5 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

81.5.1 Approvazzjoni Rapport Amministrattiv 2016

Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Amministrattiv 2016.

Il-membri qablu unanimament.

81.5.2 Approvazzjoni ta' Budget 2018

Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill tal-*Budget*. Is-Sindku informa lill-membri li żdied il-vot tas-*CCTV's*.

Il-membri qablu unanimament.

81.5.3 Performance Appraisals

Is-Sindku stieden lis-Segretarju Eżekuttiv biex jippreżenta l-*Performance Bonus Appraisal* tas-Sur Carmel Busuttil u tas-Sa Annalise Mallia. Wara li nqraw ir-rapporti, ġie propost li jingħataw 6% *bonus* kull wieħed.

Il-membri qablu unanimament.

Is-Sindku ppreżenta l-*Performance Bonus Appraisal* tas-Sa Jane Yvonne Spiteri u wara diskussjoni s-Sindku ppropona 7% *bonus*.

Il-membri qablu unanimament.

Fil-8.00 pm is-Sa Elizabeth Vella u s-Sur Darren Carabott ġew skużati għall-kumplament tal-laqgħa.

## 81.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

Ġie ppreżentat rapport tal-laqgħa tal-Kumitati tal-Finanzi li saret nhar il-Gimgħa 17 ta' Novembru, 2017 .

## 81.7 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

81.7.1 L-Iskeda tal-pagamenti flimkien mal-Petty Cash ġew diskussi u approvati unanimament mill-membri kollha wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet.

## 81.8 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 711 sa 721 tat-2017 u minn numru 1 sa 15 tat-2018.

| | |
|---|---|
| 711 | Ħaddiema Assenjati |
| 712 | B. Grima & Sons |
| 713 | B. Grima & Sons |
| 714 | Ħaddiema Assenjati |
| 715 | Transport Malta |
| 716 | Ilha approvata |
| 718 | Micamed iżda trid tiġi identifikata r-residenza |
| 719 | Ħaddiema Assenjati |
| 720 | Ħaddiema Assenjati |
| 721 | Skont ir-rakkomandazzjoni tal-Contracts Manager, qedgħa tajba |
| | **2018** |
| 1 | Ittra lir-residenti |
| 2 | B.Grima & Sons |
| 3 | Ħaddiema Assenjati |

| | |
|---|---|
| 4 | Gwida minn Transport Malta |
| 5 | B. Grima & Sons |
| 6 | Ħaddiema Assenjati |
| 7 | Ħaddiema Assenjati |
| 8 | CRPD jew Transport Malta |
| 9 | Ħaddiema Assenjati |
| 10 | Parkeġġi huma skont il-gwida ta' Transport Malta |
| 11 | Aċċettata |
| 12 | Contracts Manager |
| 13 | Transport Malta |
| 14 | Contracts Manager |
| 15 | Transport Malta |

## 81.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-8.30 pm u ġiet aġġornata għat-19 ta' Frar, 2018, fis-6.30pm.

Konfermati, illum 19 ta' Frar, 2018

IFFIRMATI

Stephen Sultana
Sindku

IFFIRMATI

Jane Yvonne Spiteri
Segretarju Eżekuttiv